



2024/1025

5.4.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/1025

tal-4 ta' April 2024

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 ⁽¹⁾.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Mejju 2021 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "dwar l-azzjoni umanitarja tal-UE: sfidi ġodda, l-istess prinċipji", il-Kunsill afferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jevita u, fejn ma jistax jagħmel dan, itaffi kemm jista' jkun kwalunkwe impatt negattiv potenzjali mhux intenzjonat tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni fuq azzjoni umanitarja bbażata fuq prinċipji. Il-Kunsill tenna li miżuri restrittivi tal-Unjoni jikkonformaw mal-obbligi kollha skont id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati. Huwa sottomlinja l-importanza li l-prinċipji umanitarji u d-dritt umanitarju internazzjonali jiġu rrispettati bis-sħiħ fil-politika tas-sanzjonijiet tal-Unjoni, inkluż bl-inklużjoni konsistenti ta' eċċezzjonijiet umanitarji fir-reġimi ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni fejn rilevanti, u billi jiġi żgurat li jkun hemm qafas effettiv biex dawn l-eċċezzjonijiet jintużaw minn organizzazzjonijiet umanitarji.
- (3) Fid-9 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2664 (2022), filwaqt li fakkar fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu li jimponu miżuri ta' sanzjonijiet b'rispons għat-theddid għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, u enfasizza li l-miżuri li jittieħdu mill-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti biex jimplementaw is-sanzjonijiet għandhom bżonn jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali u mhumiex maħsuba li jkollhom konsegwenzi umanitarji negattivi għall-popolazzjonijiet ċivili jew konsegwenzi negattivi għall-attivitajiet umanitarji jew għal dawk li jwettquhom. Fil-paragrafu 1 tal-UNSCR 2664 (2022), il-KSNU ddeċieda li l-forniment, l-ipproċessar jew il-ħlas ta' fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħra jew il-forniment minn ċerti atturi tal-oġġetti u s-servizzi meħtieġa biex jiġi żgurat it-twassil f'waqtu ta' assistenza umanitarja jew biex jiġu appoġġati attivitajiet oħra li jsostnu l-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem huma permessi, u mhumiex ksur tal-iffriżar tal-assi imposti mill-KSNU jew il-Kumitati tas-Sanzjonijiet tiegħu.
- (4) Fl-14 ta' Frar 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/338 ⁽²⁾, li introduċiet l-eżenzjoni umanitarja skont il-UNSCR 2664 (2022) fir-reġimi ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni li jagħtu effett lill-miżuri deċiżi mill-KSNU jew mill-Kumitati tas-Sanzjonijiet tiegħu. Fil-31 ta' Marzu 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/726 ⁽³⁾, li introduċiet l-eżenzjoni umanitarja skont il-UNSCR 2664 (2022) fir-reġimi ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni li jagħtu

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999 tas-7 ta' Diċembru 2020 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem (ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 13).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/338 tal-14 ta' Frar 2023 li temenda ċerti deċiżjonijiet tal-Kunsill u pożizzjonijiet komuni dwar miżuri restrittivi sabiex jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar eżenzjoni umanitarja (ĠU L 47, 15.2.2023, p. 50).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/726 tal-31 ta' Marzu 2023 li temenda ċerti Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi sabiex jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar eżenzjoni umanitarja (ĠU L 94, 3.4.2023, p. 48).

effett lill-miżuri deċiżi mill-KSNU jew mill-Kumitati tas-Sanzjonijiet tiegħu u fil-miżuri komplementari deċiżi mill-Kunsill. Fis-27 ta' Novembru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2686 (*), li introduċiet f'ċerti reġimi ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni l-eżenzjoni umanitarja għall-benefiċċju tal-atturi msemmija fl-UNSCR 2664 (2022), ta' organizzazzjonijiet u aġenziji li l-Unjoni tathom iċ-Ċertifikat ta' Sħubija Umanitarja, ta' organizzazzjonijiet u aġenziji li huma ċertifikati jew rikonoxxuti minn Stat Membru, u ta' aġenziji speċjalizzati tal-Istati Membri.

- (5) Sabiex tiżied il-konsistenza bejn ir-reġimi ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni u ma' dawk adottati mill-KSNU jew mill-Kumitati tas-Sanzjonijiet tiegħu, u biex jiġi żgurat it-twassil f'waqtu ta' assistenza umanitarja jew biex jiġu appoġġati attivitajiet oħra li jsostnu l-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem, huwa xieraq li tiġi introdotta eżenzjoni mill-miżuri ta' ffriżar tal-assi applikabbli għal, u mir-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid ta' fondi u riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni ta', il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi ddeżinjati skont id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999, għall-benefiċċju tal-atturi msemmija fl-UNSCR 2664 (2022), ta' organizzazzjonijiet u aġenziji li l-Unjoni tkun tathom iċ-Ċertifikat ta' Sħubija Umanitarja, ta' organizzazzjonijiet u aġenziji li huma ċertifikati jew rikonoxxuti minn Stat Membru, u ta' aġenziji speċjalizzati tal-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jiġi emendat il-mekkaniżmu eżistenti ta' deroga għal dawk l-organizzazzjonijiet u l-atturi involuti f'attivitajiet umanitarji li ma jistgħux jibbenefikaw minn dik l-eżenzjoni. Il-Kunsill iqis ukoll li jenħtieġ li japplika mekkaniżmu ta' deroga minflok l-eżenzjoni f'każijiet fejn il-Kunsill ikun iddetermina li jkun meħtieġ skrutinju mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali minħabba riskju oġhla li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi pprovduti jintużaw ħażin għal finijiet għajr l-assistenza umanitarja.
- (6) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

“—1. L-Artikolu 3(1) u (2) ma għandhomx japplikaw għall-forniment, l-ipproċessar jew il-pagament ta' fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħra jew għall-forniment ta' oġġetti u servizzi li jkunu meħtieġa biex jiġi żgurat it-twassil f'waqtu ta' assistenza umanitarja jew biex jappoġġaw attivitajiet oħra li jappoġġaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem, fejn tali assistenza u attivitajiet oħra jitwettqu minn:

- (a) in-Nazzjonijiet Uniti (NU), inkluż il-programmi, il-fondi u entitajiet u korpi oħra tagħha, kif ukoll l-aġenziji speċjalizzati u l-organizzazzjonijiet relatati tagħha;
- (b) organizzazzjonijiet internazzjonali;
- (c) organizzazzjonijiet umanitarji bi status ta' osservatur mal-Assemblea Ġenerali tan-NU u membri ta' dawk l-organizzazzjonijiet umanitarji;
- (d) organizzazzjonijiet mhux governattivi ffinanzjati bilateralmment jew multilateralmment li jipparteċipaw fil-Pjanijiet ta' Rispons Umanitarju tan-NU, il-Pjanijiet ta' Rispons għar-Refuġjati tan-NU, appelli oħra tan-NU jew raggruppamenti umanitarji kkoordinati mill-Uffiċċju tan-NU għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji;
- (e) organizzazzjonijiet u aġenziji li lilhom l-Unjoni tkun tat iċ-Ċertifikat ta' Sħubija Umanitarja jew li jkunu ċertifikati jew rikonoxxuti minn Stat Membru f'konformità ma' proċeduri nazzjonali;

(*) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2686 tas-27 ta' Novembru 2023 biex jiġu emendati ċerti Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi sabiex jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar eċċezzjonijiet umanitarji (ĠU L 2023/2686, 28.11.2023 ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2686/oj>).

- (f) l-aġenziji speċjalizzati tal-Istati Membri; jew
- (g) impjegati, benefiċjarji, sussidjarji jew sħab inkarigati mill-implimentazzjoni tal-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (f) waqt li u sal-punt li jkunu qed jaġixxu f'dawk il-kapaċitajiet.
- 1a. L-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi identifikati b'asterisk fl-Anness.”;
- (b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, u b'deroga mill-Artikolu 3(1) u (2), l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew id-disponibbiltà ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, skont il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-forniment ta' tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jkun meħtieġ biex jiġi żgurat it-twassil f'waqtu ta' assistenza umanitarja jew biex jiġu appoġġati attivitajiet oħra li jsostnu l-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem.”;
- (c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
- “1a. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva, talba għall-informazzjoni jew notifika għal iktar żmien mill-awtorità kompetenti rilevanti fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mid-data tal-wasla ta' talba għall-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, dik l-awtorizzazzjoni għandha titqies li nġhatat.”;
- (d) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni li tingħata skont dan l-Artikolu fi żmien erba' ġimgħat minn tali awtorizzazzjoni.”;
- (2) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “2. L-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 fir-rigward tal-Artikolu 3(1) u (2) għandhom jiġu rrieżaminati f'intervalli regolari, u mill-inqas kull 12-il xahar, jew fuq talba urġenti ta' kwalunkwe Stat Membru, tar-Rappreżentant Għoli jew tal-Kummissjoni wara bidla fundamentali fiċ-ċirkostanzi.”;
- (3) l-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' April 2024.

Għall-Kunsill
Il-President
H. LAHBIB

ANNEX

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 (Lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikoli 2 u 3) huwa emendat kif ġej:

(1) it-Taqsima A (Persuni fiżiċi) hija emendata kif ġej:

- (a) fil-kolonna "Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)", tiżdied asterisk wara l-isem fl-entrati 1 sa 4, 13, 14, 16 sa 26, 29 sa 32, 36 sa 56 u 62 sa 105;
- (b) tiżdied is-sentenza li ġejja wara t-tabella:

“* L-Artikolu 4(-1) ma għandux japplika għall-entrati identifikati b'asterisk.”;

(2) it-Taqsima B (Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi) hija emendata kif ġej:

- (a) fil-kolonna "Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)", tiżdied asterisk wara l-isem fl-entrati li ġejjin: 5 sa 12 u 16 sa 23;
- (b) tiżdied is-sentenza li ġejja wara t-tabella:

“* L-Artikolu 4(-1) ma għandux japplika għall-entrati identifikati b'asterisk.”.
